**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Ottubru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 366/2016 AF**

**David Grech u Nicolai Grech**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi (VAT)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David Grech u Nicolai Grech li permezz tiegħu, wara li ġie premess:

Illi skond kif jirrizulta mill-kopja tal-annessa Ittra Ufficcjali ddatta it-3 ta' Meiiu 2016 bl-ismijiet inversi (Dok. "A") il-Kummissarju tat-Taxxi (VAT) qieghed jallega li fil-15 ta' Lulju 2015 huwa baghat avviz ghall-hlas liz-zewg esponenti bil-ghan li tali avviz ikun jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti fis-somma ta' ghoxrin elf hamsin Ewro u sebgha u erbghin centenzmu (€20,050.47) allegatament dovut lilu mill-mittenti skond l-Att XXIII ta' l-1998 b'mod partikolari artikolu 59 tal-istess Att.

L-ewwel u qabel kollox, filwaqt illi l-esponenti mhux qed jaghtu ruhom b'notifikati bil-precitata ittra ufficcjali l-esponent Nicolai Grech qieghed jiddikjara wkoll illi huwa qatt ma rcieva l-allegat ghall-hlas li allegatament gie spedit mil-Kummissarju tat-Taxxa fil-15 ta' Lulju 2015.

Kif ser jigi ppruvat mill-esponenti fil-mori tal-procduri odjerni t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa intimat hekk kif postulata fl-Ittra Ufficcjali fuq citata fl-ismijiet inversi (Dok. "A") hija wahda nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fi dritt u kwalunkwe somma allegatament likwidata mill-Kummissarju tat-Taxxa intimat hija daqstant iehor infondata fil-fatt u fid-dritt.

Id-Direttur Generali intimat mexa b'mod arbitrarju, skorrett, illegali u ingust meta impona taxxa ammontanti ghas-somma ta' ghoxrin elf hamsin Ewro u sebgha u erbghin centemzu (€20,050.47) fuq l-esponenti skond l-Att XXIII tal-1998 u li ghalhekk daqstant arbitarju, skorett, illegali u ingust huwa l-precitat avviz ghall-hlas tal-istess mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxa intimat u li allegatament gie spedit mill-Kummissarju tat-Taxxa intimat fil-15 ta' Lulju 2015.

Di più l-Artikolu tal-ligi li fuqha qieghed jibbaza il-pretenzjonijiet tieghu il-Kummissarju tat-Taxxa fit-talba kif ukoll fl-ittra ufficjali fuq citata, u cioè Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998 ma taghtix lok legali u/jew ekwu ta' kif l-esponenti jistghu jirribattu u/jew jappellaw mit-talba ghall-hlas mill-Kummissarju tat-Taxxa u ghalhekk l-esponenti ma gewx moghtija id-dritt fundamentali tas-smeigh xieraq.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-impozizzjoni da parti tal-Kummissarju tat-Taxxa intimat tat-taxxa ammontanti ghas-somma ta' ghoxrin elf hamsin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€20,050.47) fuq l-esponenti skond l-Att XXIII tal-1998 hija infondata u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tal-esponenti u li ghalhekk daqtsant infondat u null huwa l-precitat avviz ghall-hlas tal-istess li allegatament gie spedit mill-Kummissarju tat-Taxxa intimat fil-15 ta' Lulju 2015 u li ghalhekk ukoll il-precitat

avviz ghall-hlas lill-Kummissarju tat-Taxxa intimat, permezz tal-ittra ufficjali fuq citata, fejn qieghed jallega li jikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur tieghu u fil-konfront tal-esponenti ma jistax jigi ezegwit kontra l-esponenti. Salv dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrlha xierqa u opportuna.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fil-11 ta' Mejju, 2016, hu gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet fuq premessa fejn ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

*"... tiddikjara li l-impozizzjoni da parti tal-Kummissarju tat-Taxxa intimat tat-taxxa ammontanti ghas-somma ta' ghoxrin elf hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€20,050.47) fuq l-esponenti skond l-Att XXIII ta' l-1998 hija nfondata u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tal-esponenti u li ghalhekk daqstant infondat u null huwa l-precitat avviz ghall-hlas ta' l-istess li allegatament gie spedit mill-Kummissarju tat-Taxxa intimat fil-15 ta' Lulju, 2015, u li ghalhekk ukoll il-precitat avviz ghall-hlas lill-Kummissarju tat-Taxxa Intimat, permezz tal-ittra ufficjali fuq citata, fejn qieghed jallega li jikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur tieghu u fil-konfront tal-esponenti ma jistax jigi ezegwit kontra l-esponenti. Salv dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna."*

Illi l-esponenti umilment jissottometti li r-rikors nru. 366/16AF ipprezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessa, hu wiehed frivolu u vessattorju stante li m'ghandux bazi fil-ligi.

Illi qabel xejn ir-rikors ma fihx ir-rekwiziti stabbiliti mill-art. 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi michud.

Illi l-istess artikolu tal-ligi jaghti lok ghal procedura li trid tigi segwita minn persuna li tixtieq tikkontesta ittra ufficjali ezekuttiva pprezentata mill-esponenti u notifikata lilha.

Illi ghalhekk ma jirrizulta l-ebda ksur tad-dritt fondamentali ta' smiegh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi l-imsemmi rikors sar biss biex ibieghed l-esekuzzjoni ta' l-avviz inkwistjoni.

Illi dan qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

A. NOTIFIKA RIKORRENT NICOLAI GRECH.

Illi l-avviz ircevih missieru David Grech, li ffirma ghan-notifika tieghu (ara riferta hawn annessa Dok. VAT1) fl-indirizz li taw l-istess rikorrenti lid-Dipartiment bhala l-business u l-mailing address taghhom fl-applikazzjoni taghhom ghar-registrazzjoni mad-Dipartiment ghal numru tal- VAT (ara Dok. VAT2), kif ukoll fl-indirizz indikat fil-Karta ta' l-Identita' tieghu (ara Dok. VAT3), jigifieri ta' Nicolai Grech.

Illi is-subart. 73(3) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta ighid:

> *"Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna u Indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' lndirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju."*

Illi stante li l-awiz intbaghat lir-rikorrent Nicolai Grech fl-indirizz privat tieghu, ukoll l-indirizz tan-negozju tieghu kif hu stess indika lill-Kummissarju, in-notifika saret skond il-ligi.

B. TALBA TAL-KUMMISSARJU FL-ITTRA UFFICJALI.

Illi t-talba ta' l-esponenti saret wara li r-rikorrenti naqqsu milli jipprezentaw id-denunzji taghhom skond il-ligi sa mill-2012, jigifieri sbatax-il denunzja, u wara li sahansitra r-rikorrent

David Grech deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati tlett darbiet fejn gie kkundannat ghan-nuqqas (ara kopji sentenzi Dok. VAT4).

Illi taht L-art. 31, l-esponent ghandu dritt li "*jaghmel stima tal-output tax u t-tnaqqis ghal dak iz-zmien u tal-penali amministrsttiva li ghaliha tkun giet suggetta ... il-persuna*."

Illi hekk ghamel l-istess esponenti fil-kaz odjern wara li, kif digà nghad, ir-rikorrenti naqqsu li jipprezentaw id-denunzji sa mill-2012.

Illi jinghad ukoll li parti mit-total tat-talba ta' l-esponenti ghall-hlas ta' taxxa, jirrapprezenta taxxa dikjarata mill-istess rikorrenti u li dawn naqqsu li jhallsu.

Illi nonostante n-notifika ta' dak l-avviz, u wkoll in-notifika ta' l-ittra ufficjali nru. 1476/ 16 fl-ismijiet *Kummissarju tat-Taxxi vs 1. David Grech 2. Nicolai Grech*, ir-rikorrenti baqghu ma pprezentaw l-ebda denunzja kif obbligati mill-ligi.

Illi l-prezentata ta' tali denunzja mir-rikorrenti fejn tigi dikjarata t-taxxa li ghandha tithallas minnhom, ghandha l-effett li tigi mhassra l-istima provizorja (*estimated tax*) mahruga mill-esponenti ai termini tas-subart. 31(3) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti la ressqu appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva, u wisq anqas ipprezentaw id-denunzji taghhom.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li ma jarax it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw l-ittra uffiċjali tal-Kummissarju intimat datata 3 ta' Mejju 2016, liema ittra uffiċjali saret a tenur tal-artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-artikolu 59 tal-Kap. 406 jaqra hekk:

> "*(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xhieda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*
>
> *(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*"

Ir-rikorrenti jikkontendu li Nicolai Grech qatt ma rċieva l-avviż għall-ħlas tal-Kummissarju intimat datat 15 ta' Lulju 2015. Madanakollu, mid-dokumenti esibiti mill-intimat, senjatament 'Dok VAT 1' u 'Dok VAT 2' jirriżulta li l-avviż intbagħat fl-indirizz li pprovda r-rikorrent stess, liema indirizz huwa dak uffiċjali tiegħu skont 'Dok VAT 3'.

Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll illi l-ammont riklamat mhuwiex dovut. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda provi f'dawn il-proċeduri. Lanqas ma ċċaraw fuq liema provvediment tal-liġi huma qegħdin jibbażaw ir-rikors tagħhom. Din il-Qorti qiegħda tifhem li dan sar abbażi tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jeċċepixxi li r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju stante li m'għandux bażi fil-liġi.

Dwar in-natura ta' dawn il-proċeduri, proprju kif intqal fil-każ fl-ismijiet Dorothy Vassallo pro et noe vs Il-Kummissarju tat-Taxxi ossija l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Mejju 2013:

*"Il-Qorti tosserva li:-*

*i. Mill-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013 hu evidenti li ma gietx prezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali stess l-intimat iddikjara li kienet qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406.*
*ii. Id-differenza fiz-zewg kazijiet hi li taht:-*

*(a) L-Artikolu 466 tal-Kap. 12 – it-titolu ezekuttiv hi d-dikjarazzjoni guramentata li jaghmel il-kap tad-dipartiment.*

*(b) L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 – it-titolu ezekuttiv hu l-avviz li jinhareg mill-intimat li jkun juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva.*

*Hu evidenti li f'dan il-kaz il-procedura kontemplata fl-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ma tapplikax. Il-qorti tkompli tosserva kif fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 m'hemmx*

*provvediment li jaghmel l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 applikabbli ghal finijiet ta' kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv li jitnissel b'applikazzjoni tal-Artikolu 59.*

*Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex jipprovaw ihassru l-effetti tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Jannar 2013. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-decizjoni* ***Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud*** *tat-30 ta' Settembru 2010, fejn din il-qorti qalet:*

*".... Ir-rikorrent iddikjara li kien qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mil-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu (enfazi ta' din il-qorti).*

*Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skond l-Art. 466 tal-Kap. 12.*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r-rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir-ragunijiet –*

1) *Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma addotax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art. 466.*

2) *L-ittri ufficjali fol. 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjarazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l-artikolu.*

*Omissis*

*L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar-rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-Art. 59 tal-Kap. 406.*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien ottenut titolu*

*ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art. 59.'"*

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-analiżi legali li saret fil-kawża appena ċitata. Mill-artikolu 59 tal-Kap. 406 ma jirriżultax illi r-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-Qorti tissindika t-titolu eżekuttiv ottjenut mill-intimat bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 2016, u ċertament ma jirriżultax illi din l-ittra uffiċjali saret a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fi kwalunkwe każ, minkejja li r-rikorrenti jallegaw li l-ammont riklamat mhuwiex dovut, ma jressqu l-ebda prova sabiex jisostanzjaw l-argument tagħhom.

Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll illi l-artikolu 59 tal-Kap. 406 jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. Madanakollu mill-kliem ir-rikors tagħhom huwa ċar illi l-parametri tal-azzjoni hija strettament ċivili u mhux kostituzzjonali. Ma saret l-ebda talba sabiex il-Qorti tinvestiga dan l-ilment kostituzzjonali tagħhom. Saħansitra baqa' mhux involut fil-kawża l-Avukat Ġenerali.

Finalment, ir-rikorrenti ressqu wkoll rikors fejn talbu lill-Qorti tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 2016. Madanakollu, ir-rikorrenti ma għamlu l-ebda riferenza għal xi provvediment tal-liġi li jawtorizza lill-Qorti tordna s-sospensjoni ta' titolu eżekuttiv bil-ħruġ ta' atti esekuttivi (Desmond Mizzi et vs Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Settembru 2013).

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti ġialadarba l-proċedura kontemplata fl-artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ma tapplikax sabiex tiġi kontestata l-ittra uffiċjali preżentata mill-intimat fit-3 ta' Mejju 2016 ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG